**5 ta' Diċembru, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt. LL.D**

Antonio Mercieca et.

*versus*

Charles Pace et.

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Appell — Kwistjoni ta' Dritt — Ħanut — Bejgħ ta' Bolli — Destinazzjoni tal-Fond Mikri**

*Bil-fatt li l-Board tal-Kera fis-sentenza tiegħu jkun qal illi l-intimat, billi beda jinnegozja fil-bolli fil-fond mikri għandu għall-abitazzjoni ma rrendiex l-istess fond ħanut fis-sena tal-liġi, għax il-fond baqa' preponderantement fond*

*tal-abitazzjoni, ma għamelx ħliet ikkonstata fatt u enunċja l-liġi; u b'hekk ma qata' ebda pont ta' dritt fis-sentenza.*

*Għaldaqstant ma hemmx lok ta' dritt għall-appell minn sentenza simili skond il-liġi.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tar-rikorrenti biex jerġgħu jieħdu taħt idejhom, billi jridu biex imur joqgħod fih binhom l-Arkitett Joseph Mercieca bil-familja tiegħu, il-fond nru. 1 St. Agatha Street, Sliema, mikri lill-intimati, waqt li offrew lil dawn, bħala "alternative accomodation", il-flat 1 fil-fond nru. 284 Rue D'Argens, Gżira, fejn qiegħed joqgħod attwalment binhom;

Rat ir-risposta tal-intimati, fejn qalu illi t-talba hija insostenibbli, għaliex fil-fond in kwistjoni l-esponent Charles Pace qiegħed jeżerċita abitwalment il-kummerċ tal-bolli, u f'dan il-fond huwa magħruf mal-klijenti u firrivisti filateliċi barranin (dok. A u B); illi fi kwalunkwe każ ir-rikorrent għandu diversi postijiet x'joffri lill-ibnu, li huwa konkorrent tal-esponent fin-negozju tal-bolli, u għandu nteress li jissoppjantah fis-sedi tiegħu magħrufa bil-kelma "Strand"; li huma jagħmlu riferenza għall-kawża l-oħra fl-istess ismijiet ċeduta quddiem dan il-Board fit-30 ta' Diċembru 1957;

Rat il-verbal tad-19 ta' Frar 1958, fejn il-partijiet għamlu riferenza għall-provi prodotti fil-kawża fl-istess ismijiet ċeduta fit-30 ta' Diċembru 1957 quddiem l-istess Board li Jirregola l-Kera;

Rat il-verbal tad-9 ta' Lulju 1958, tal-Board li Jirregola l-Kera, fejn ir-rikorrenti żiedu bħala kawżali tat-talba tagħhom it-tibdil tad-destinazzjoni tal-fond allegat mill-intimat fix-xhieda tiegħu;

Rat is-sentenza tal-Board li Jirregola l-Kera tat-30 ta' Lulju 1958, li biha l-Board laqa' t-talba fuq il-kawżali li r-rikorrenti jridu l-fond għall-abitazzjoni ta' binhom Joseph Mercieca u l-familja tiegħu, u ta lill-intimati, għall-fini tal-iżgumbrament, iż-żmien ta' xahrejn, basta jibqa' "available" għalihom, bil-kera ta' £30 fis-sena, il-fond offert

bħala "alternative accomodation", ċjoè l-flat 1 fil-fond nru. 284 Rue D'Argens, Gżira, u ordna li l-ispejjeż, fiċ-ċirkustanzi, jibqgħu mingħajr taxxa; billi dak il-Board ikkunsidra;

Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu li jerġgħu jieħdu taħt idejhom il-fond mitlub biex imur joqgħod fih binhom Giuseppe Mercieca, A. & C.E., bil-mara tiegħu, tifla ta' erbgħa snin . . . . . ;

Ir-rikorrenti offrew lill-intimati, li huma ġuvni u xebba, bħala "alternative accomodation", il-post ta' proprjetà tagħhom flat 1 fil-fond nru. 284 Rue D'Argens, Gżira, bil-kera ta' £30 fis-sena, fejn qiegħed joqgħod il-lum binhom. Dan il-post, ċjoè flat, li skond id-deskrizzjoni tiegħu, kontenuta fir-relazzjoni tal-membri tekniċi, qiegħed fl-ewwel pjan, u jikkonsisti . . . . . ., huwa biżżejjed għal tnejn minn nies;

L-intimata Lina Pace sabet oġġezzjoni għall-fond offert għaliex . . . . Ma hemmx bżonn ta' ebda dimostrazzjoni kemm dawn l-oġġezzjonijiet huma bla forza biex jirrendu l-fond "unsuitable" għall-intimati;

L-intimat Charles Pace oġġezzjona għall-post offert, skond ix-xhieda tiegħu fir-rikors nru. 880/1957 fuq imsemmi, ċedut fit-30 ta' Diċembru 1957, għax qal li huwa għandu vista debboli . . . . . Ħadd ma qal f'dawn iċ-ċertifikati li dan Charles Pace ma jistax joqgħod f'postijiet żgħar; u lanqas ma hu żgħir il-post offert . . . . . . . ;

L-intimat Charles Pace oġġezzjona għall-post offert prinċipalment għaliex huwa jidiletta bil bolli minn mindu kellu erbatax il-sena, u issa, li ħareġ bil-pensjoni ta' £180 fis-sena mill-post ta' "clerk" li kellu mal-Gvern, għaliex invalidat, fl-1952, beda jinnegozja bil-bolli biex igħin ruħu, u għalkemm ma bediex iżomm kotba ħlief minn dik il-kawża l-hawn, qal li jikkalkola li jaqla' £50 fis-sena. Huwa qal li l-indirizz li jagħti lill-korrispondenti huwa "The Strand", peress illi kamra mill-post fejn joqgħod qegħdha fil-ġnien u għandu bieb għat-trieq "The Strand", tas-Sliema, u għalhekk huwa konoxxut f'dan l-indirizz;

L-intimat Charles Pace ma jikkontestax illi l-fond kien ġie mikri lill-missierhom, il-lum mejjet, għall-abitazzjoni, u ma jgħidx li qatt informa lir-rikorrenti bin-negozju tiegħu tal-bolli, għalkemm jgħid li bih dan kien jaf, għax anki huwa jiddiletta bil-bolli. Ir-rikorrenti fix-xhieda tiegħu qal li huwa sar jaf li l-intimat jiddiletta bil-bolli fl-ewwel kawża li kellhom, ċeduta quddiem dan il-Board fit-30 ta' Diċembru 1957. Anki jekk ir-rikorrenti kien jaf b'dan il-fatt, u ċjoè li l-intimat beda jinnegozja bil-bolli, dan ma jirendix il-post "ħanut" fis-sens tal-liġi, li baqa' dejjem preponderantement fond tal-abitazzjoni; imma l-intimat kien ikollu dritt li fil-post offert ikun jista' jkompli jispjega din l-attività tiegħu fil-bdil u bejgħ tal-bolli — ħaġa li jista' jkompli jagħmel fl-"alternative accomodation"; u ma jkollux x'jagħmel rigward il-korrispondenti esteri ħlief li javżahom bil-bdil tal-indirizz, u sadattant jagħti avviż tal-istess bdil ta' ndirizz il-Posta;

In vista ta' dak li ntqal fuq, ma hemmx lok li tiġi milqugħa t-tieni kawżali, ċjoè dik tal-kambjament taddestinazzjoni tal-fond, miżjuda mir-rikorrenti a bażi tattalba tiegħu b'verbal tad-9 ta' Lulju 1958; għaliex li wieħed jaqbad korrispondenti biex jixtri minn għandhom u jbiegħelhom, u anki jibdel magħhom xi bolli, hija ħaġa li jagħmel kull kollezzjonista tal-bolli; u dan il-fatt mill-intimati ma jikkostitwix tibdil ta' destinazzjoni tal-fond;

Rat ir-rikors tal-intimati Pace, li bih dawn appellaw mis-sentenza fuq imsemmija tal-Board li Jirregola l-Kera tat-30 ta' Lulju 1958, u talbu li dik is-sentenza tiġi riformata, billi tiġi revokata fejn laqgħet it-talba tar-rikorrenti għall-iżgumbrament in kwantu jridu l-fond għall-abitazzjoni ta' binhom, u fejn iddikjarat li l-fond in kwistjoni mhux ħanut fis-sens tal-liġi, u tiġi konfermata fejn akkollat lir-rikorrenti l-ispejjeż tagħhom; u b'hekk tiġi miċħuda t-talba tar-rikorrenti u milqugħin l-eċċezzjonijiet tal-appellanti; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Illi fis-sentenza appellata l-Board, meta qal li bil-fatt li l-appellant Charles Pace beda jinnegozja bil-bolli fil-fond in kwistjoni ma rrendiex l-istess fond "ħanut" fis-sens tal-liġi, għax il-fond baqa' preponderantement fond tal-abitazzjoni, ma għamelx ħlief ikkonstata fatt u enunċja l-liġi; u b'hekk ma qata' ebda punt ta' dritt fis-sentenza. Għaldaqstant ma hemmx lok ta' dritt għall-appell skond il-liġi;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddikjara irritu u null l-appell; bl-ispejjeż kontra l-appellanti.